MALTA

ATT Nru. XL ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.

ACT No. XL of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Education Act, 1974.

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

12 ta' Diċembru, 1986

ATT Nru. XL ta' l-1986

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Att XXXIX ta' l-1974

2. L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

(a) minflok is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Fil-ħruġ ta' kull liċenza bħal dik il-Ministru jista' jistabbilixxi dawk il-kondizzjonijiet u ħtiġiet li jidhirlu xierqa, magħduda jekk jistgħux jintalbu miżati jew le, u, jekk jistgħu jintalbu, kemm ikunu, kif ukoll il-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet ta' dħul f'dawk l-iskejjel dwar il-kategoriji differenti ta' dawk l-iskejjel; u l-Ministru jista' wkoll minn żmien għal żmien jemenda dawk il-kondizzjonijiet u ħtiġiet.

Għall-finijiet ta' dan is-subartikolu "miżati" tinkludi kull rimunerazzjoni jew kumpens b'korrispettiv għal kull edukazzjoni jew tagħlim fi skola u kull donazzjoni jew kontribuzzjoni dwar dik l-edukazzjoni jew dak it-tagħlim.";

(b) is-subartikolu (5) tiegħu għandu jitħassar; u

(ċ) is-subartikoli (4) u (6) tiegħu għandhom jiġu numerati mill-ġdida bħala subartikoli (3) u (4) rispettivament.

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

3. Minflok is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-Ministru ma għandux joħroġ liċenza taħt l-artikolu 12 ta' dan l-Att kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-akkomodazzjoni, il-faċilitajiet, it-tagħmir u l-amenitajiet ta' l-iskola proposta kif ukoll il-persunal u l-kurrikulu ġenerali, u ż-żmien li fih skola għandha tibqa' miftuħa u taħdem, ma jkunux ta' livell li jipparaguna ma' dawk ta' skejjel tal-Gvern; u jista' f'kull żmien iħassar kull liċenza maħruġa taħt dak l-artikolu jekk ma jibqax iktar hekk sodisfatt jew fil-każ ta' ksur tal-kondizzjonijiet jew ħtiġiet tal-liċenza.

(2) Salv id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 15 ta' dan l-Att meta xi skola tinżamm mingħajr liċenza kif provdut fl-artikolu 12 ta' dan l-Att, jew meta fil-fehma tal-Ministru xi skola ma tkunx qed tinżamm skond xi kondizzjoni jew ħtieġa tal-liċenza, jew skond regolamenti li jistgħu jiġu preskritti taħt dan l-Att, il-Ministru jkun jista' bis-saħħa tal-liġi jieħu fuqu l-amministrazzjoni u t-tmexxija ta' dik l-iskola bl-esklużjoni tas-sid ta' dik l-iskola jew persuna oħra li tkun inkarigata minnha sakemm dak is-sid ta' dik l-iskola jew persuna oħra li tkun inkarigata minnha tintrabat li tħares il-kondizzjonijiet u l-ħtiġiet kollha tal-liċenza.".

Dispożizzjoni transitorja.

4. Kull liċenza maħruġa taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali qabel il-bidu fis-seħħ ta' dan l-Att għandha tibqa' valida minkejja l-limitazzjoni ta' żmien għall-validità tagħha, u għandha għal kull fini u effett titqies li nħarġet taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Att prinċipali kif emendat b'dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 407 ta' l-1 ta' Diċembru, 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati